KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fi 17 ta' Marzu 2016 [1]

Kawża C-493/14

Dilly's Wellnesshotel GmbH

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzgericht (tribunal federali tal-finanzi, l-Awstrija)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Għajnuna mill-Istat — Regolament KE Nru 800/2008 — Kategoriji ta' għajnuna li jistgħu jitqiesu li huma kompatibbli mas-suq komuni — Għajnuna intiża għall-protezzjoni tal-ambjent — Miżuri ta' għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxa ambjentali — Natura vinkolanti tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni"

1. Huwa stabbilit sew li l-obbligu ta' notifika minn qabel ta' kull miżura intiża sabiex tistabbilixxi jew sabiex temenda għajnuna ġdida, impost fuq l-Istati Membri bis-saħħa tat-trattati, jikkostitwixxi wieħed mill-elementi fundamentali tas-sistema ta' sorveljanza fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat [2]. Minn dan isegwi neċessarjament li kull temperament ta' dan l-obbligu, li jirriżulta mix-xewqa li tiġi ffaċilitata f'każijiet definiti tajjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni Ewropea, bl-adozzjoni ta' miżuri ta' simplifikazzjoni amministrattiva fil-kuntest tal-għoti ta' eżenzjoni lil kategorija, għandu jinftiehem strettament.

2. Dan ir-rekwiżit huwa fil-qalba ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, l-ewwel waħda li tressqet mill-Bundesfinanzgericht (tribunal federali tal-finanzi) [3], li tqajjem diversi kwistjonijiet ta' interpretazzjoni ta-Regolament (KE) Nru 800/2008 [4].

3. Din il-kawża toffri b'mod partikolari lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiċċara l-kundizzjonijiet formali u materjali li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex Stat membru jkun jista' jibbenefika minn eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika tal-miżuri ta' għajnuna skont dan ir-regolament. B'mod iktar ġenerali hija toffri l-opportunità li jiġi enfasizzat li l-obbligi speċifiċi kollha imposti f'dan il-kuntest fuq l-Istati Membri, kemm jekk ikunu ta' natura formali kemm jekk materjali, għandhom natura vinkolanti u li l-ksur tagħhom iwassal għat-telf mill-benefiċċju tal-eżenzjoni mitluba.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza France Télécom vs Il-Kummissjoni (C-81/10 P, EU:C:2011:811, punt 58).

3 — Għandu jiġi nnotat li dik il-qorti ssuċċediet lil Unabhängiger Finanzsenat (kamra Indipendenti tal-Finanzi) u li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddikjarat ruħha, f'diversi okkażjonijiet kompetenti sabiex tirrispondi għad-domandi li jsirulha minn din tal-aħħar.

4 — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Shiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (ĠU L 214, p. 3).

I – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

4. L-Artikolu 109 TFUE (li kien l-Artikolu 94 tat-Trattat KE) jawtorizza b'mod partikolari lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li jiffissa l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni sabiex jiddetermina l-kategoriji ta' għajnuna li għandhom ikunu eżentati mill-proċedura ta' informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 108(3) TFUE (li kien Artikolu 93(3) tat-Trattat KE).

5. Huwa b'applikazzjoni tal-Artikolu 94 tat-Trattat KE li huwa adotta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98, tas-7 ta' Mejju 1998, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċertu kategoriji ta' għajnuna Statali orizzontali [5]. L-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament, intitolat "Trasparenza u sorveljanza", kien jispeċifika li "[m]eta tkun qed taddotta regolamenti skont l-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha timponi regoli dettaljati fuq l-Istati Membri sabiex tassigura trasparenza u sorveljanza tal-għajnuna eżentata minn notifikazzjoni f'konformità ma' dawk ir-regolamenti".

6. Bis-saħħa tar-Regolament Nru 994/1998, kien ġie adottat ir-Regolament Nru 800/2008 [6], applikabbli f'dan il-każ.

7. Skont l-Artikolu 1(1)(d) tal-Kapitolu I tar-Regolament Nru 800/2008, intitolat "Ambitu", dan ir-regolament huwa applikabbli b'mod partikolari għall-"għajnuna għall-protezzjoni ta' l-ambjent".

8. L-Artikolu 3(1) ta' dan il-Kapitolu, intitolat "Kundizzjonijiet għal eżenzjoni", jipprovdi:

"Għajnuna għall-iskemi, li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ta' Kapitolu 1 ta' dan ir-Regolament, kif ukoll id-dispożizzjonijiet relevanti ta' Kapitolu II għandhom ikunu kompatibbli mas-suq komuni fis-sens ta' l-Artikolu 87(3)(ċ) tat-Trattat u għandha tiġi eżentata mill-ħtieġa tan-notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat sakemm kwalunkwe għajnuna individwali mogħtija taħt dawn l-iskemi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament, u l-iskema jkun fiha referenza espliċita għal dan ir-Regolament, billi tikkwota t-titolu tiegħu u r-referenza tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ."

9. Skont l-Artikolu 9 ta' dan il-Kapitolu, intitolat "It-Trasparenza":

"1. Fi żmien għoxrin jum tax-xogħol minn meta tidħol fis-seħħ skema ta' għajnuna jew l-għotja ta' għajnuna *ad hoc*, li tkun ġiet eżentata skond dan ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat lill-Kummissjoni sommarju ta' l-informazzjoni dwar din il-miżura ta' għajnuna. Dan is-sommarju għandu jkun ipprovdut f'forma elettronika, permezz ta' l-applikazzjoni stabbilita ta' l-IT tal-Kummissjoni u fil-forma stabbilita fl-Anness III.

Il-Kummissjoni għandha tgħarraf bla dewmien li tkun irċeviet is-sommarju.

Is-sommarji għandhom ikunu ppubblikati mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

5 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 312. Ir-Regolament Nru 994/1998 kien ġie emendat bir-**Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 733/2013, tat-22 ta' Lulju 2013** (ĠU L 204, p. 11), u, iktar tard, irrevokat bir-**Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588, tat-13 ta' Lulju 2015, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli [107 TFUE u 108 TFUE] għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali** (ĠU L 248 p. 1).

6 — Ir-Regolament Nru 800/2008 kien ġie emendat bir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1224/2013, tad-29 ta' Novembru 2013** (ĠU L 320, p. 22). Il-perijodu tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 800/2008 kien b'hekk ġie estiż sat-30 ta' Ġunju 2014. Dan ir-Regolament kien imbagħad ġie rrevokat bir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014, tas-17 ta' Ġunju 2014, li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 TFUE u 108** [TFUE] (ĠU L 187, p. 1).

2. Malli tidħol fis-seħħ skema ta' għajnuna jew l-għotja ta' għajnuna *ad hoc*, li tkun eżentata minn dan ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippubblika fuq l-internet it-test sħiħ ta' din il-miżura ta' għajnuna. Fil-każ ta' skema ta' għajnuna, dan it-test għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet mniżżla fil-liġi nazzjonali li tiżgura li d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament jiġu rrispettati. l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li t-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna jkun aċċessibbli fuq l-internet sakemm il-miżura ta' għajnuna kkonċernata tibqa' fis-seħħ. L-informazzjoni tas-sommarju pprovduta mill-Istat Membru kkonċernat skond il-paragrafu 1 għandu jispeċifika indirizz ta' l-internet li jkun fih it-test sħiħ tal-miżura ta' l-għajnuna.

[…]"

10. L-Artikolu 10 ta' dan l-istess Kapitolu, intitolat "Il-Monitoraġġ", kien ifformulat kif ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja regolarment il-miżuri ta' għajnuna li tkun ġiet infurmata dwarhom skond l-Artikolu 9.

[…]

3. Fuq talba miktuba, l-Istati Membri kkonċernati jridu jipprovdu lill-Kummissjoni, f'perjodu ta' 20 jum ta' ħidma jew perjodu itwal kif jista' jiġi stabbilit fit-talba, bl-informazzjoni kollha li l-Kummissjoni tqis meħtieġa sabiex tissorvelja l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Fejn l-Istat Membru kkonċernat ma jipprovdix l-informazzjoni mitluba fil-perjodu preskritt mill-Kummissjoni jew f'perjodu li jkun maqbul b'mod komuni, jew meta l-Istat Membru ma jipprovdix l-informazzjoni sħiħa, il-Kummissjoni għandha tibgħat tfakkira li fiha tistabbilixxi skadenza ġdida għas-sottomissjoni ta' l-informazzjoni. Jekk, minkejja din it-tfakkira, l-Istat Membru kkonċernat ma jipprovdix l-informazzjoni mitluba, il-Kummissjoni tista', wara li tkun ipprovdiet lill-Istat Membru kkonċernat bil-possibbiltà li jispjega fehmtu, tadotta deċiżjoni li tgħid li l-miżuri kollha ta' għajnuna fil-futur li għalihom japplika dan ir-Regolament jew parti minnhom għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat."

11. L-Artikolu 17 tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 800/2008, intitolat "Definizzjonijiet", kien jinsab fit-Taqsima 4 tiegħu, intitolata "Għajnuna għall-protezzjoni ta' l-ambjent", u kien jipprovdi dan li ġej:

"Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, għandhom japplikaw it-tifsiriet li gejjin:

1) 'protezzjoni ta' l-ambjent' tfisser kwalunkwe azzjoni mfassla biex tirrimedja jew tevita ħsara lill-ambjenti fiżiċi tal-madwar jew lir-riżorsi naturali mill-attivitajiet tal-benefiċjarju stess, biex tnaqqas ir-riskju ta' din il-ħsara jew biex twassal għal użu aktar effiċjenti ta' riżorsi naturali, inklużi miżuri għall-iffrankar ta' l-enerġija u l-użu ta' riżorsi ta' enerġija li jistgħu jiġġeddu;

[…]

10) 'taxxa ambjentali' tfisser taxxa li l-bażi taxxabbli speċifika għaliha jkollha effett negattiv ċar fuq l-ambjent jew li tfittex li tintaxxa ċerti attivitajiet, prodotti jew servizzi biex l-ispejjeż ambjentali jkunu jistgħu jiġu inklużi fil-prezz tagħhom u/jew biex il-produtturi u l-konsumaturi jkunu orjentati lejn attivitajiet li jirrispettaw aħjar l-ambjent;

[…]"

12. Skont l-Artikolu 25 ta' din it-Taqsima 4, intitolat "Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali":

"1. Skemi ta' għajnuna ambjentali fil-forma ta' tnaqqis mit-taxxi ambjentali li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-[Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 405),] għandhom ikunu kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3) tat-Trattat u għandhom ikunu eżenti mir-rekwiżit tan-notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu jiġu sodisfatti.

2. Il-benefiċjarji tat-tnaqqis għandhom [iħallsu] ta' l-anqas l-livell minimu tat-taxxa tal-Komunità stipulat fid-[Direttiva 2003/96].

3. It-tnaqqis fit-taxxa għandu jingħata għal perjodi massimi ta' għaxar snin. Wara dan il-perjodu ta' għaxar snin, l-Istati Membri għandhom jerġgħu jivvalutaw kemm hu xieraq it-tnaqqis fit-taxxa kkonċernat."

B – *Id-Dritt Awstrijak*

13. Bis-saħħa tal-liġi ta' implimentazzjoni tal-baġit (Budgetbegleitgesetz), tat-30 ta' Diċembru 2010[7], l-impriżi li jipprovdu servizzi kellhom jiġu eskluży mill-ġdid mir-rimbors tat-taxxi fuq l-enerġija.

14. L-Artikolu 2(1) tal-Liġi dwar ir-rimbors tat-taxxi fuq l-enerġija (Energieabgabenvergütungsgesetz, iktar 'il quddiem l-"EAVG"), fil-verżjoni emendata tagħha mill-Artikolu 72 tal-BBG 2011, jaqra kif ġej:

"Id-dritt għar-rimbors huwa mogħti biss lill-impriżi li jippruvaw li l-attività prinċipali tagħhom hija l-manifattura ta' beni materjali u jekk huma jippruvaw li ma pprovdewx ir-riżorsi tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 1(3), jew is-sħana (fwar jew ilma sħun) prodotta mir-riżorsi tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 1(3)."

15. L-applikazzjoni *ratione temporis* tal-Artikolu 2 hija ffissata fl-Artikolu 4(7) tal-Liġi fuq ir-Rimbors tat-Taxxa fuq l-Enerġija (Energieabgabenvergütungsgesetz, iktar 'il quddiem l-"EAVG"), li jipprovdi:

"L-Artikoli 2 u 3 [tal-EAVG] għandhom ikunu applikabbli, bla ħsara għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, għat-talbiet għal rimbors li jirrigwardaw perijodu wara l-31 ta' Diċembru 2010."

16. Ix-xogħlijiet preparatorji tal-abbozz ta' liġi jindikaw dan li ġej fir-rigward tal-Artikolu 4(7) tal-EAVG:

"L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet emendati għandha tkun suġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Din l-emenda għandha tidħol fis-seħħ għall-użu tal-enerġija qabel il-31 ta' Diċembru 2010. Għaldaqstant, it-talbiet tal-impriżi ta' servizz dwar perijodi wara l-31 ta' Diċembru 2010 ma jistgħux jiġu aċċettati. Jekk l-emenda tal-EAVG tiġi approvata mill-Kummissjoni bħala għajnuna mill-Istat awtorizzata, il-limitazzjoni legali għall-impriżi ta' produzzjoni għandha tapplika b'effett mill-1 ta' Jannar 2011, b'tali mod li, wara dik id-data, l-impriżi ta' servizzi ma jibqalhomx dritt għar-rimbors tat-taxxa fuq l-enerġija għall-enerġija użata. Jekk l-emenda ma tiġix approvata mill-Kummissjoni, is-sitwazzjoni legali attwali għandha tibqa' mhux mibdula u kemm l-impriżi ta' produzzjoni kif ukoll l-impriżi ta' servizzi jkunu eliġibbli għal rimbors tat-taxxi fuq l-enerġija."

7 — BGBl. I, 111/2010, iktar 'il quddiem il-"BBG 2011".

II – **Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

17. Fid-29 ta' Diċembru 2011, Dilly's Wellnesshotel GmbH (iktar 'il quddiem "Dilly's Wellnesshotel") ippreżentat talba għal rimbors tat-taxxi fuq l-enerġija għas-sena 2011.

18. Din it-talba kienet ġiet miċħuda b'deċiżjoni tal-21 ta' Frar 2012 bħala infondata fid-dawl tal-liġi l-ġdida kontenuta fil-BBG 2011, li tipprovdi li, b'effett mill-1 ta' Jannar 2011, ir-rimbors tat-taxxi fuq l-enerġija għandu jingħata biss lil impriżi ta' produzzjoni. Rikors quddiem l-Unabhängiger Finanzsenat (kamra tal-finanzi indipendenti), li għaliha ssuċċediet il-Bundesfinanzgericht (tribunal federali tal-finanzi), kien ġie miċħud.

19. B'deċiżjoni tad-19 ta' Marzu 2013, il-Verwaltungsgerichtshof (qorti amministrattiva) iddeċidiet li, wara sentenza mogħtija minn dik il-qorti fit-22 ta' Awwissu 2012, ir-rimbors tat-taxxa fuq l-enerġija kellu jibqa' jingħata lill-impriżi ta' servizzi għax-xahar ta' Jannar 2011. Fil-fehma tal-Verwaltungsgerichtshof (qorti amministrattiva), għal dak ix-xahar, il-Kummissjoni kienet għadha ma tatx l-approvazzjoni tagħha għal-leġiżlazzjoni ġdida dwar id-dikjarazzjoni maħruġa b'applikazzjoni tar-Regolament Nru 800/2008 li kienet tirrigwarda biss il-perijodu wara l-1 ta' Frar 2011.

20. Dilly's Wellnesshotel ippreżentat rikors amministrattiv komplementari quddiem l-Unabhängiger Finanzsenat (kamra tal-finanzi indipendenti), fejn dik il-kumpannija talbet, essenzjalment, b'mod partikolari, li tintlaqa' t-talba kollha ta' rimbors tat-taxxa fuq l-enerġija għall-perijodu mix-xahar ta' Jannar sax-xahar ta' Diċembru 2011.

21. Dilly's Wellnesshotel telqet mill-prinċipju li, fil-każ li l-applikazzjoni magħquda tal-Artikoli 2(1) u 4(7) tal-EAVG tkun tikser id-dritt tal-Unjoni, il-leġiżlazzjoni ġdida introdotta bil-BBG 2011 ma għandhiex tkun applikabbli u l-impriżi ta' servizzi jistgħu jibqgħu jitolbu r-rimbors tat-taxxi fuq l-enerġija għas-sena 2011 kollha u warajha.

22. Jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li l-verżjoni inizjali tal-EAVG kienet tipprovdi, fl-Artikolu 2(1) tagħha, għal rimbors tat-taxxi fuq l-enerġija favur l-impriżi li jikkonċentraw essenzjalment fuq il-"manifattura ta' beni materjali". Il-provvista ta' servizzi kienu esklużi mir-rimbors tat-taxxa. Il-qorti tar-rinviju tinnota li l-għan tal-EAVG kien, skont ix-xogħlijiet preparatorji, li tevita li l-industriji ta' produzzjoni Awstrijaċi li jikkonsmaw ħafna enerġija jkunu żvantaġġati fil-livell kompetittiv meta mqabbla mal-impriżi ta' pajjiżi oħra fejn, bħala regola, ma hemmx taxxa fuq l-enerġija.

23. Sussegwentement il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar ir-rimbors tat-taxxi fuq l-enerġija kienet ġiet emendata diversi drabi.

24. F'din il-kawża, il-Qorti tar-rinviju kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni ġdida dwar ir-rimbors tat-taxxi fuq l-enerġija introdotta bil-BBG 2011 mar-Regolament Nru 800/2008. Din il-qorti tistaqsi fil-fatt jekk ir-Repubblika tal-Awstrija tistax tapprofitta mill-proċedura speċjali prevista bl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 800/2008 fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, peress li, apparentement, diversi kundizzjonijiet tal-Kapitolu I ta' dan ir-regolament ma humiex osservati.

25. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bundesfinanzgericht (tribunal federali tal-finanzi) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Huwa kuntrarju għad-dritt tal-Unjoni li leġiżlazzjoni fil-qasam tal-għajnuna tibbenefika mill-proċedura speċjali prevista fl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 800/2008 sabiex tkun eżentata mill-obbligu ta' notifika taħt l-Artikolu 108(3) TFUE, meta ma jkunux issodisfatti diversi obbligi previsti fil-Kapitolu I [ta' dan i]r-Regolament u meta barra minn hekk ma jsir ebda riferiment għal [imsemmi] regolament?

2) Huwa kuntrarju għad-dritt tal-Unjoni li leġiżlazzjoni fil-qasam tal-għajnuna tkun ibbażata fuq il-proċedura speċjali prevista fl-Artikolu 25 tar-Regolament [Nru 800/2008], applikabbli għall-għajnuna favur il-protezzjoni tal-ambjent, meta ma jkunux issodisfatti l-obbligi previsti fil-Kapitolu II ta' dan ir-regolament — jiġifieri l-promozzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni tal-ambjent u/jew l-ekonomija ta' enerġija skont l-Artikolu 17(1) [tal-imsemmi r]egolament?

3) Id-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tinkludix limitazzjoni *ratione temporis* u lanqas riferiment għall-perijodu indikat fid-dikjarazzjoni ta' eżenzjoni, b'tali mod li l-limitazzjoni għal għaxar snin tar-rimbors tat-taxxa fuq l-enerġija prevista fl-Artikolu 25(3) tar-Regolament [Nru 800/2008] tirriżulta biss mid-dikjarazzjoni ta' eżenzjoni?"

26. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati minn Dilly's Wellnesshotel, il-Gvernijiet tal-Awstrija u tal-Estonja u mill-Kummissjoni.

27. Saret seduta fit-12 ta' Jannar 2016, li fiha pparteċipaw Dilly's Wellnesshotel, il-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni.

III – **Analiżi**

A – *Kunsiderazzjonijiet preliminari fuq is-sitwazzjoni msemmija fil-kawża prinċipali u fuq l-obbligu ta' notifika tal-proġetti ta' għoti ta' għajnuna ġdida*

1. Sitwazzjoni msemmija fil-kawża prinċipali

28. Dan ir-rinviju preliminari jqajjem diversi kwistjonijiet ta' interpretazzjoni dwar il-kundizzjonijiet formali (l-ewwel domanda preliminari) kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet sostanzjali (it-tieni u t-tielet domanda preliminari) li għandha tissodisfa miżura nazzjonali ta' għajnuna sabiex tkun tista' tapprofitta minn eżenzjoni tal-obbligu ta' notifika b'applikazzjoni tar-Regolament Nru 800/2008.

29. Kif jirriżulta mill-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju, il-kawża prinċipali għandha l-oriġini tagħha fir-rifjut tal-amministrazzjoni fiskali Awstrijaka li tilqa' talba għal rimbors ta' taxxi fuq l-enerġija għas-sena 2011 imressqa mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, Dilly's Wellnesshotel, impriża li tipprovdi servizzi. Dan ir-rifjut kien immotivat miċ-ċirkustanza li, wara l-emenda introdotta bil-BBG 2011, l-EAVG jeskludi lil min jippresta servizzi mill-benefiċċju tar-rimbors tat-taxxi fuq l-enerġija.

30. Fil-kuntest tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti tar-rinviju, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tibbaża ruħha fuq il-verżjoni preċedenti ta' din l-leġiżlazzjoni nazzjonali, verżjoni li kienet issemmi wkoll lil min jippresta servizzi. Hija targumenta li, minħabba n-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet vinkolanti tar-Regolament Nru 800/2008, din il-leġiżlazzjoni ġdida ma kinitx eżentata mill-obbligu ta' notifika stabbilita bl-Artikolu 108(3) TFUE u għaldaqstant ma setgħetx tiġi implementata.

31. Huwa għalhekk minħabba l-obbligu tagħha li tfassal il-konsegwenzi kollha ta' possibbli ksur tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam ta' għajnuna mill-Istat, invokata mill-akkużati taħt id-drittijiet proċedurali tagħhom, li l-Qorti tar-rinviju ressqet din it-talba għal deċiżjoni preliminari[8]. Fil-fatt, skont it-tielet sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE, "[l]-Istat Membru interessat ma jistgħax idaħħal fis-seħħ

8 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Fédération nationale du commerce extérieur des produits alimentaires u Syndicat national des négociants et transformateurs de saumon (C-345/90, EU:C:1991:440, punti 16 u 17) kif ukoll SFEI *et* (C-39/94, EU:C:1996:285).

il-proġetti proposti tiegħu qabel ma dik il-proċedura ikollha deċiżjoni finali". L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999[9], intitolat "Klawsola ta' waqfien totali", jispeċifika f'dan ir-rigward li "[g]ħajnuna notifikabbli skond l-Artikolu 2(1) m'għandhiex tiddaħħal fis-seħħ qabel ma l-Kummissjoni ma tkun ħadet, jew tinftiehem li tkun ħadet, deċiżjoni li tawtorizza din l-għajnuna".

32. F'dan il-każ, il-Qorti tar-rinviju indikat li l-verżjoni inizjali tal-EAVG kienet ġiet innotifikata bħala għajnuna mill-Istat lill-Kummissjoni fl-2002 u li din qisitha kompatibbli mas-suq intern. Iżda l-verżjoni tal-EAVG, rilevanti fil-kawża prinċipali, min-naħa l-oħra, ma kinitx ġiet innotifikata, fit-terminu stabbilit, bħala għajnuna mill-Istat lill-Kummissjoni, għaliex il-Ministru tal-Finanzi Awstrijak kien qies li din l-emenda kienet eżenti min-notifika, skont l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 800/2008.

33. Jirriżulta wkoll mill-proċess li, fis-7 ta' Frar 2011, kienet saret notifika lill-Kummissjoni dwar il-verżjoni ġdida tal-EAVG, li kienet tavża b'estensjoni ġdida tal-iskema mill-1 ta' Frar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2013. Sommarju tal-miżura, b'referenza għal dak il-perijodu, kien ġie ppubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tat-30 ta' Settembru 2011. L-indirizz tal-internet li jinsab f'din il-pubblikazzjoni u li jipprovdi aċċess għat-test sħiħ tal-miżura kien żbaljat.

34. Barra minn hekk, jidher li hemm qbil li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kinitx innotifikata lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 659/1999, u li l-unika eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika li tista' tkun applikabbli hija dik stabbilita bl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 800/2008.

2. Importanza tal-obbligu ta' notifika tal-proġetti ta' għajnuna ġdida u ħtieġa ta' interpretazzjoni ristrettiva tal-obbligi imposti fuq l-Istati Membri bis-saħħa ta' regolament ta' eżenzjoni għal kategorija

35. Id-domandi li saru mill-qorti tar-rinviju innegabbilment jinvolvu ċerta novità, peress li sa issa r-Regolament Nru 800/2008 għadu ma ġiex interpretat fuq l-aspetti speċifiċi msemmija f'dan il-każ[10].

36. Qabel ma nindirizza d-domandi li sarulna suċċessivament, jidhirli f'loku li nfakkar ċertu numru ta' regoli u ta' prinċipji gwida li ser jiggwidaw l-eżami kollu tiegħi.

37. Fl-ewwel lok, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE, kif speċifikat bl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 659/1999, l-obbligu ta' notifika ta' kull proġett ta' għajnuna ġdida jikkostitwixxi r-regola. Fil-fatt għandu jiġi enfasizzat li l-obbligu ta' notifika minn qabel hija l-bażi fundamentali tas-sistema kollha ta' sorveljanza stabbilita mit-Trattat, għaliex tpoġġi lill-Kummissjoni f'qagħda li tmexxi b'mod effikaċi u sistematiku eżami preventiv tal-proġetti kollha ta' għoti ta' għajnuna ġdida jew ta' emenda tal-għajnuna diġà eżistenti. Kif indika l-Avukat Ġenerali Jacobs, "l-obbligu ta' notifika tal-għajnuna proġettata għandha importanza tant evidenti għall-funzjonament tas-suq komuni li, fin-nuqqas ta' xi regolament tal-Kunsill fil-qasam, l-obbligu għandu ovvjament jiġi osservat rigorożament kemm fuq il-livell tal-kontenut kif ukoll fuq dak tal-forma, u b'mod partikolari huwa essenzjali li jirriżulta b'mod ċar min-notifika li taħseb sabiex tpoġġi lill-Kummissjoni f'qagħda li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha taħt l-Artikolu 93(3) u, jekk ikun il-każ, tiftaħ il-proċedura msemmija fl-Artikolu 93(2) qabel ma l-għajnuna proġettata tiġi implementata"[11] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

9 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006, tal-20 ta' Novembru 2006 (ĠU L 352M, p. 629, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 659/1999").

10 — Għalkemm l-imsemmi regolament kien ġie invokat f'ċerti kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (is-sentenza Wam Industriale vs Il-Kummissjoni, C-560/12 P, EU:C:2013:726, u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Il-Kummissjoni vs Spanja, C-184/11, EU:C:2014:33), l-indikazzjonijiet ipprovduti minn dan tal-aħħar jidhirli li ma humiex utli f'din il-kawża.

11 — Ara l-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Franza vs Il-Kummissjoni (C-301/87, EU:C:1989:357, punt 19).

38. Sa minn kmieni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-obbligu li l-Kummissjoni tiġi informata bil-proġetti intiżi sabiex jistabbilixxu jew jemendaw għajnuna ma japplikax biss għall-proġett inizjali, imma jestendi wkoll għall-emendi li jsiru sussegwentement lil dan il-proġett, billi speċifikat li tali informazzjoni tista' tingħata lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet li tkun wasslet għalihom in-notifika inizjali [12].

39. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004, tal-21 ta' April 2004, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat [13], il-kunċett ta' "għajnuna ġdida" jinkludi b'mod partikolari "xi bidla, minbarra modifikazzjonijiet ta' natura purament formali jew amministrattiva li ma jistux jeffettwaw l-evalwazzjoni tal-kompatibilità tal-miżura ta' l-għajnuna mas-suq komuni". Barra minn hekk, skont l-Artikolu 4(2)(c) tar-Regolament Nru 794/2004, l-issikkar ta' ċerti kriterji għall-applikazzjoni ta' skema awtorizzata ta' għajnuna, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li taħseb għal tnaqqis fiċ-ċirku tal-impriżi benefiċjarji msemmija fis-sistema preċedentement innotifikata, jikkwalifika bħala emenda li tagħha, bħala regola, hija obbligatorja n-notifika.

40. L-obbligu ta' notifika ta' xi emenda għal sistema ta' għajnuna preċedentement innotifikata hija applikabbli irrispettivament mill-kwistjoni jekk, bħala tali, is-sistema l-ġdida tinkludix benefiċċji selettivi inkompatibbli mas-suq komuni. Fil-fatt huwa biss b'referenza għad-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-għoti tal-għajnuna, għall-modalitajiet tagħhom u għal-limiti tagħhom li għajnuna tista' tiġi kklassifikata bħala novità jew emenda [14].

41. Ir-rigorożità imposta fuq l-Istati Membri fil-qasam tapplika wkoll, fil-fehma tiegħi, għad-determinazzjoni tal-kundizzjoni li taħthom huma jistgħu, bis-saħħa ta' regolament ta' eżenzjoni, jilliberaw ruħhom mill-obbligu tagħhom ta' notifika.

42. Għalhekk jien tal-fehma li f'każ ta' adozzjoni, b'applikazzjoni tal-Artikolu 108(4) TFUE, ta' regolament ta' eżenzjoni għal kategorija, għandhom jiġu eżentati mill-obbligu ta' notifika biss il-miżuri li jissodisfaw il-punti kollha tal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-imsemmi regolament ta' eżenzjoni. Fil-każ fejn ma jkunux issodisfatti l-kundizzjonijiet kollha ta' eżenzjoni, l-obbligu ta' notifika tibqa' fis-seħħ.

43. Fit-tieni lok, u bħala prolungament ta' dak li ser infakkar, peress li l-prinċipju ta' bażi huwa l-inkompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mas-suq komuni, id-derogazzjonijiet li jissemmew f'dan il-qasam għandhom jiġu interpretati ristrettivament. Tali prinċipju jimplika li l-oneru tal-prova li l-kundizzjonijiet kemm formali kif ukoll sostanzjali li fuqhom tiddependi l-kompatibbiltà ta' għajnuna huma ssodisfatti huwa impost fuq l-Istat Membru kkonċernat. B'mod partikolari, għandu jkun dan l-Istat li jipprovdi l-elementi rilevanti kollha li jistgħu jistabbilixxu li l-kundizzjonijiet tad-deroga mitluba huma ssodisfatti [15].

44. Fit-tielet lok, fil-każ fejn, bħal f'dan il-każ, eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika hija possibbli bis-saħħa ta' regolament ġenerali ta' eżenzjoni adottat bis-saħħa tar-Regolament Nru 994/98, l-obbligi ta' trasparenza u effikaċja li fuqhom tiddependi l-adozzjoni ta' dan ir-regolament (ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 3 u l-premessi 4, 6, 7 u 10 tiegħu) kif ukoll il-ħtieġa ta' ċertezza legali fil-konfront tat-terzi jimponu li l-Istati Membri jikkonformaw ruħhom mar-regoli speċifiċi stabbiliti mir-regolament ta' eżenzjoni.

12 — Ara s-sentenza Heineken Brouwerijen (91/83 u 127/83, EU:C:1984:307, punt 18).

13 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 4, p. 3.

14 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Namur-Les assurances du crédit (C-44/93, EU:C:1994:311, punt 28).

15 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-372/97, EU:C:2004:234, punt 81 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45. Peress li l-obbligu ta' notifika hija ċentrali fis-sistema ta' sorveljanza tal-proġetti ta' għajnuna mill-Istat, ir-regoli speċifiċi *kollha* msemmija f'regolament ta' eżenzjoni, bl-għan li possibbilment ikun hemm eżenzjoni minn dan l-obbligu, għandhom jiġu debitament osservati. B'differenza minn dak li possibbilment jista' jkun il-każ fir-rigward tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri bl-għan li tiġi stabbilita l-kompatibbiltà ta' proġett ta' għajnuna mas-suq komuni, ma hemmx lok li tiġi applikata ordni ta' prevalenza bejn il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti minn regolament ta' eżenzjoni bl-għan li jkun hemm ħelsien mill-obbligu ta' notifika tal-proġetti ta' għajnuna ġdida msemmi fl-Artikolu 108(3) TFUE.

46. F'tali kuntest, ma għandhiex issir distinzjoni bejn il-kundizzjonijiet differenti ta' eżenzjoni — il-kundizzjonijiet li għandu jkollhom natura "sostanzjali" u l-oħrajn — stabbiliti mir-Regolament Nru 800/2008 u, għaldaqstant, bejn il-konsegwenzi legali tan-nuqqas ta' osservanza ta' kundizzjoni partikolari meta mqabbla ma' oħra. L-unika distinzjoni li tista' tiġi applikata fir-rigward ta' dan ir-regolament hija dik eżistenti bejn il-kundizzjonijiet msejħa "ta' eżenzjoni ġenerali", imsemmija fil-Kapitolu I tal-imsemmi regolament (Artikoli 1 sa 12), intitolat "Dispożizzjonijiet komuni", u l-kundizzjonijiet speċjali msemmija fil-Kapitolu II (Artikoli 13 sa 42), intitolat "Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kategoriji differenti ta' għajnuna".

47. Jekk ma jistax jiġi nnegat li, f'oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni, tista' ssir distinzjoni bejn id-difetti proċedurali ta' natura sostanzjali u l-oħrajn, fil-fehma tiegħi, din id-distinzjoni ma' tistax issir fil-każ fejn il-kundizzjonijiet kollha imposti fuq l-Istati Membri huma ta' natura vinkolanti, bħalma huwa l-każ fil-kuntest tal-proċeduri ta' notifika tal-proġetti ta' għajnuna ġdida, u jekk ikun il-każ ta' eżenzjoni minn dik il-proċedura.

48. Hekk, fis-sentenza Heintz van Landewijck [16], il-Qorti tal-Ġustizzja, mitluba tippronunzja ruħha fuq il-portata tal-obbligu ta' notifika impost fuq l-Istati Membri skont l-Artikolu 27(5) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima [17] (iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva") kienet, ċertament, iddeċidiet li n-nuqqas ta' osservanza tat-terminu ta' notifika tal-miżuri intiżi sabiex jissemplifikaw il-ġbir ta' taxxi ma jikkostitwixxix difett proċedurali sostanzjali li għandu jwassal għall-inapplikabbiltà tal-miżura derogatorja nnotifikata tardivament.

49. Madankollu, anki jekk nissupponu li hija permessa analoġija mal-problema tal-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni — ħaġa li tidhirli dubjuża minħabba n-natura eminentement mandatorja, imfakkra qabel, tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni stabbiliti bir-regolament inkwistjoni — ninnota li l-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li fakkret ir-regola li miżura ta' deroga tas-Sitt Direttiva meħuda bi ksur tad-dmir ta' notifika imposta fuq l-Istati Membri bl-Artikolu 27(2) tagħha ma tistax tiġi prekluża fil-konfront ta' persuna taxxabbli, ħadet ħsieb li tindika li din il-konklużjoni kienet motivata bil-fatt li, "f'din il-kawża, din [ma kinitx] miżura ta' deroga ġdida li għandha tiġi awtorizzata mill-Kunsill, iżda miżura partikolari li teżisti mill-1 ta' Jannar 1977 u li l-Istat Membru xtaq iżomm, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 27(5) tas-Sitt Direttiva, minkejja l-implimentazzjoni ta' din" [18].

50. Ovvjament, tali konfigurazzjoni tikkontrasta ma' dik fejn, bħal f'dan il-każ, tkun involuta għajnuna ġdida, għalkemm riżultanti minn emenda ta' att leġiżlattiv nazzjonali preċedentement innotifikat.

16 — C-494/04, EU:C:2006:407, punt 51.

17 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23.

18 — Is-sentenza Heintz van Landewijck (C-494/04, EU:C:2006:407, punt 49).

51. F'kull każ, fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, għandu jiġi kkunsidrat, fil-preżenza ta' dispożizzjonijiet ċari, bħalma huma dawk dwar l-obbligu ta' notifika u fl-istess ħin dwar il-possibbiltajiet ta' eżenzjoni minn tali obbligu, li l-kundizzjonijiet previsti minn tali dispożizzjonijiet ma jikkostitwixxux sempliċi formalitajiet [19].

52. Għandu jkun hekk, b'mod partikolari, anki fir-rigward tal-kundizzjonijiet obbligatorji previsti minn regolament ġenerali ta' eżenzjoni skont il-kategorija bħal dawk imsemmija fil-Kapitolu I tar-Regolament Nru 800/2008. L-effett ta' ħelsien mill-obbligu ta' notifika formali ta' miżura ta' għajnuna pprospettata ma jistax, fil-fehma tiegħi, jeżisti fil-każ ta' ksur ta' waħda jew iktar minn dawn il-kundizzjonijiet. Il-miżuri li ma jkunux issodisfaw il-kundizzjonijiet kollha rikjesti jibqgħu suġġetti, kif jinsab stabbilit fil-premessa 7 ta' dan ir-regolament, għall-obbligu ta' notifika previst fl-Artikolu 88(3) tat-Trattat KE.

B – *Fuq l-ewwel domanda: rekwiżiti ta' forma li jirriżultaw mir-Regolament Nru 800/2008*

53. Bl-ewwel domanda tagħha dwar ir-rekwiżiti ta' forma, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-effett, l-ewwel nett, tan-nuqqas ta' referenza għar-Regolament Nru 800/2008 fil-miżura ta' għajnuna inkwistjoni, it-tieni, tat-trażmissjoni tardiva lill-Kummissjoni ta' sommarju tal-informazzjoni dwar din il-miżura u, t-tielet, ta' żball fl-indirizz tal-internet li jipprovdi aċċess għat-test integrali tal-imsemmija miżura.

1. Rekwiżit ta' referenza espressa għar-Regolament Nru 800/2008

54. Jidhirli li n-natura indispensabbli ta' tali referenza, li tikkostitwixxi waħda mill-kundizzjonijiet stretti li għalihom hija suġġetta l-eżenzjoni mill-obbligu msemmi fl-Artikolu 25(1) tar-Regolament Nru 800/2008, kjarament tista' tiġi dedotta mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 800/2008.

55. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament, intitolat "Kundizzjonijiet għal eżenzjoni", jipprovdi li l-iskemi ta' għajnuna li jissodisfaw "il-kundizzjonijiet kollha" tal-Kapitolu I, kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu II tal-imsemmi regolament għandhom ikunu kompatibbli mas-suq komuni u għandhom ikunu eżentati mill-obbligu ta' notifika, sakemm kwalunkwe għajnuna individwali mogħtija taħt dawn l-iskemi jissodisfaw "il-kundizzjonijiet kollha" tar-Regolament, u l-iskema jkun fiha "referenza espliċita għar-[Regolament Nru 800/2008], billi tikkwota t-titolu tiegħu u r-referenza tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*".

56. Barra minn hekk, ir-Regolament Nru 800/2008 kien ġie adottat fuq il-bażi tar-Regolament Nru 994/98, li kien jipprovdi, fl-Artikolu 3(1) intitolat "Trasparenza u sorveljanza", li "[m]eta tkun qed taddotta regolamenti skond l-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha timponi regoli dettaljati fuq l-Istati Membri sabiex tassigura trasparenza u sorveljanza tal-għajnuna eżentata minn notifikazzjoni f'konformità ma' dawk ir-regolamenti".

57. Din id-dispożizzjoni għandha tinqara fid-dawl tal-premessa 5 tar-Regolament Nru 800/2008 li tipprovdi li "[d]an ir-Regolament għandu jeżenta kwalunkwe għajnuna li tissodisfa l-*kundizzjonijiet kollha* rilevanti ta' dan ir-Regolament, u kwalunkwe skema ta' għajnuna […] Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, kif ukoll sorveljanza aktar effiċjenti ta' l-għajnuna, kwalunkwe miżura ta' għajnuna individwali mogħtija skond dan ir-Regolament għandu jkun fiha *referenza espressa* għad-dispożizzjoni applikabbli tal-Kapitolu II u għal-liġi nazzjonali li fuqha hi bbażata l-għajnuna individwali" (enfasi miżjud minni).

19 — Ara, b'analoġija, id-digriet Banco Privado Português et Massa Insolvente do Banco Privado Português vs Il-Kummissjoni (C-93/15 P, EU:C:2015:703, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58. Dan ir-rekwiżit għandu jinftiehem ukoll fid-dawl tar-rekwiżit ta' trasparenza mfakkar preċedentement, li jissemma b'mod partikolari fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 994/2008. Fil-fatt, kif issostni l-Kummissjoni, referenza għal dan ir-regolament f'miżura ta' għajnuna partikolari tippermetti lill-benefiċjarji, kif ukoll lill-kompetituri tagħhom, li jifhmu r-raġunijiet li għalihom dik il-miżura tista' tiġi implementata, minkejja li ma tkunx ġiet innotifikata lill-Kummissjoni u lanqas awtorizzata minnha. Fi kliem ieħor, din ir-referenza mhux biss tippermetti lill-Kummissjoni li teżerċita s-sorveljanza tagħha, imma wkoll lit-terzi interessati li jkunu informati bil-miżuri ta' għajnuna pprospettati, sabiex eventwalment ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet proċedurali tagħhom.

59. Ma naħsibx li tali interpretazzjoni, li hija kompletament konformi mal-kliem tar-Regolament Nru 800/2008, tirriżulta li hija formalistika żżejjed.

60. Qabel xejn, l-inklużjoni f'miżura ta' għajnuna ta' referenza espressa għar-Regolament Nru 800/2008 ma timponix diffikultà partikolari fuq l-Istati Membri. Din il-faċilità tikkontrasta mad-diffikultà eventwali, kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għal terzi, sabiex jidentifikaw tali skema fin-nuqqas ta' tali referenza.

61. Imbagħad, jidhirli li t-trażmissjoni tas-sommarju tal-informazzjoni dwar il-miżura ta' għajnuna u l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* msemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 800/2008, tista' tikkumpensa parzjalment biss għan-nuqqas ta' referenza espressa għall-imsemmi regolament. Jidhirli li dawn id-dispożizzjonijiet ifittxu għanijiet differenti u osservanza tal-kundizzjonijiet previsti f'waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ma tistax tikkumpensa għan-nuqqas ta' osservanza tal-oħra.

62. Jekk, kif nissuġġerixxi, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li hemm ħtieġa indispensabbli ta' riferenza espressa għar-Regolament Nru 800/2008 fil-miżura ta' għajnuna, mhuwiex ser ikun neċessarju li ngħaddi biex neżamina l-aspetti l-oħra tal-ewwel domanda, u lanqas it-tieni u t-tielet domanda preliminari li saru.

63. Għal każ kuntrarju, sejjer neżamina l-aspetti l-oħra hawn taħt.

2. Rekwiżit ta' trażmissjoni ta' sommarju tal-informazzjoni dwar il-miżura ta' għajnuna skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 800/2008

64. Fil-fehma tiegħi, it-trażmissjoni lill-Kummissjoni ta' sommarju tal-miżura ta' għajnuna, skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 800/2008 u f'terminu ta' 20 jum tax-xogħol mid-dħul fis-seħħ tal-iskema ta' għajnuna, hija importanti ħafna bl-għan li tippermetti lill-Kummissjoni li twettaq sorveljanza effikaċi u f'waqtha tal-osservanza, mill-Istat Membru kkonċernat, tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni.

65. Innegabbilment din hija kundizzjoni ta' effettività tal-eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika prevista fl-Artikolu 108(3) TFUE.

66. Billi din hija kundizzjoni stabbilita fil-Kapitolu I tar-Regolament Nru 800/2008, in-nuqqas ta' osservanza tagħha jimplika l-ineffettività tal-eżenzjoni indikata. Fil-każ li din l-irregolarità tiġi rrimedjata tardivament, bħalma jidher li kien il-każ fil-kawża prinċipali, jidhirli li l-eżenzjoni indikata jista' jkollha effett għall-futur biss, jiġifieri għaż-żmien wara r-regolarizzazzjoni — li huwa l-perijodu mix-xahar ta' Frar sax-xahar ta' Diċembru 2011 [20] — u mhux għall-perijodu ta' qabel.

20 — Jekk, kif indikat il-qorti tar-rinviju, in-notifika tal-informazzjoni fil-qosor kienet saret fis- ta' 2011, jista' leġittimament jitqies li x-xahar kollu ta' Frar 2011 kien kopert bl-eżenzjoni, għaliex l-Istat Membru kkonċernat jista', bis-saħħa tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 800/2008, fi żmien għoxrin jum tax-xogħol minn meta tidħol fis-seħħ l-iskema ta' għajnuna jibgħat lill-Kummissjoni sommarju tal-informazzjoni dwar din il-miżura ta' għajnuna. Ninnota li r-rimbors tat-taxxa fuq l-enerġija għal xahar wieħed biss jidher possibbli bis-saħħa tad-dritt Awstrijak, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tal-Verwaltungsgerichtshof tad-19 Marzu 2013 (ara l-punt 19 ta' dawn il-konklużjonijiet).

3. Rekwiżit ta' indikazzjoni ta' indirizz tal-internet li jipprovdi aċċess dirett għat-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna

67. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 800/2008, l-Istat Membru għandu jippubblika fuq l-internet it-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna inkwistjoni. Bis-saħħa tat-tielet sentenza tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 800/2008, l-Istat Membru kkonċernat għandu, barra minn hekk, jiżgura li t-test sħiħ ta' din il-miżura jkun aċċessibbli għall-perijodu kollu li hija tibqa' fis-seħħ. F'dan il-każ, il-Qorti tar-rinviju indikat li r-Repubblika tal-Awstrija ma kinitx ikkonformat ruħha mal-punti kollha ta' dawn l-obbligi.

68. Fir-rigward tar-raba' sentenza tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 800/2008, li jirrikjedi li s-sommarju nnotifikat mill-Istat Membru għandu jinkludi indirizz tal-Internet "li jkun fih it-test sħiħ tal-miżura ta' l-għajnuna", il-qorti tar-rinviju indikat li mhuwiex possibbli li jinsab l-indirizz tal-internet innotifikat lill-Kummissjoni u li jidher fis-sommarju ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

69. Kif fakkart preċedentement, l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 800/2008 jobbliga lill-Istati Membri li josservaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-Kapitolu I tiegħu. Dan huwa partikolarment għaliex huma involuti dispożizzjonijiet li jirrispondu għax-xewqa tal-leġiżlatur li jiżgura trasparenza u ċertezza legali fil-proċess ta' eżami tal-miżuri ta' għajnuna.

70. Fil-fehma tiegħi, l-osservanza tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 800/2008 hija rikjesta bl-istess rigorożità bħal dik li tikkonċerna r-referenza espressa għall-imsemmi regolament. Fl-opinjoni tiegħi, deċiżjoni differenti tkun tfisser li tiġi stabbilita ġerarkija bejn il-kundizzjonijiet differenti, b'mod partikolari ta' natura formali, imposti fuq l-Istati Membri bis-saħħa tar-regolament ta' eżenzjoni.

71. Madankollu, jidhirli li r-rekwiżiti ta' trasparenza huma ssodisfatti meta, minkejja disfunzjonament tal-indirizz tal-internet ipprovdut fis-sommarju msemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 800/2008, disfunzjonament li jista' jkun dovut għal ħsara teknika, jirriżulta b'mod ċar li, meħuda inkunsiderazzjoni l-informazzjoni pprovduta fis-sommarju nnotifikat lill-Kummissjoni b'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, it-test sħiħ tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni kien faċilment aċċessibbli kemm lis-servizzi tal-Kummissjoni kif ukoll lil terzi eventwalment interessati.

72. Madankollu, tajjeb jiġi enfasizzat, bħala prolungament ta' dak li għadni kif indikajt, li n-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet rikjesti mir-Regolament Nru 800/2008 ma jistax jiġi kkumpensat bil-possibbli osservanza ta' xi oħra minn dawn il-kundizzjonijiet.

C – Fuq it-tieni domanda: rekwiżit sostanzjali, stabbilit bl-Artikolu 25(1) tar-Regolament Nru 800/2008, rigward l-eżistenza ta' skema ta' għajnuna "ambjentali"

73. It-tieni domanda preliminari titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika l-kundizzjonijiet sostanzjali li għandhom jiġu osservati sabiex jittieħed benefiċċju mill-eżenzjoni ta' notifika previst fl-Artikolu 25 ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, il-Qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-għoti ta' eżenzjoni taħt l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 800/2008 jirrikjedix li, flimkien mal-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti minn din id-dispożizzjoni, jintwera li l-iskema nazzjonali ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali jikkontribwixxix effettivament għall-protezzjoni tal-ambjent.

74. F'dan il-każ, għandna żewġ opinjonijiet kontrastanti.

75. Fl-opinjoni tal-Gvernijiet Awstrijak u Estonjan, kif ukoll il-Kummissjoni, huwa suffiċjenti li miżura ta' għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet elenkati espressament f'dan l-artikolu, jiġifieri l-kundizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 2003/96/KE, il-kundizzjoni li l-benefiċjarji tat-tnaqqis tat-taxxa jħallsu tal-inqas il-livell minimu komunitarju ta' taxxa previst minn din id-direttiva u l-kundizzjoni li tali riduzzjonijiet jingħataw għal perijodi massimi ta' għaxar snin, sabiex tingħatalha eżenzjoni.

76. Dilly's Wellnesshotel targumenta, min-naħa l-oħra, li l-għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxa ambjentali għandha tikkostitwixxi wkoll l-għajnuna għall-"protezzjoni ta' l-ambjent" fis-sens tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 800/2008, li jipprovdi definizzjoni apposita.

77. Jekk issir referenza, b'mod partikolari, għal ċertu tagħlim tal-ġurisprudenza qabel l-adozzjoni tar-Regolament Nru 800/2008 [21], id-dubji li wriet il-Qorti tar-rinviju fir-rigward tal-kwistjoni jekk il-miżuri tat-tnaqqis ta' taxxi inkwistjoni għandhomx ikunu effettivament intiżi sabiex itejbu l-protezzjoni tal-ambjent faċilment jinftiehmu. Huwa diffiċli, *prima facie*, li jinftiehem kif dawn il-miżuri jistgħu jissarrfu f'inqas ħsara għall-ambjent, billi jwasslu għal inqas vjolazzjonijiet jew ukoll għal użu razzjonali tar-riżorsi naturali.

78. Madankollu, interpretazzjoni litterali, sistematika u teleoloġika tal-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 800/2008 twassalni sabiex nesprimi ruħi ferm iktar favorevoli għall-opinjoni tal-maġġoranza tal-intervenjenti.

79. Minn perspettiva litterali, jidher li l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 800/2008 jipprovdi tliet kundizzjonijiet biss sabiex miżura ta' għajnuna tkun tista' tiġi eżentata, jiġifieri l-osservanza tar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/96, ir-rekwiżit ta' livell minimu ta' taxxa u l-għoti ta' tnaqqis tat-taxxa għal perijodu massimu ta' għaxar snin.

80. Din id-dispożizzjoni hija limitata għal sempliċi referenza għal skemi ta' għajnuna "favur l-ambjent" u ma tagħmel ebda rinviju għad-definizzjoni ta' għajnuna kontenuta fl-Artikolu 17(1) ta' dan ir-regolament. L-Artikolu 25 tal-imsemmi regolament huwa espressament marbut mal-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2003/96. Il-premessa 31 tar-Regolament Nru 800/2008 tindika, f'dan ir-rigward li "[t]naqqis fit-taxxi ambjentali li jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-Direttiva 2003/96 […] u kopert minn dan ir-Regolament għandu jiġi preżunt li għandu effett ta' inċentiv minħabba l-fatt li r-rati mnaqqsa jikkontribwixxu għall-inqas b'mod indirett għal titjib fil-protezzjoni ambjentali billi jippermettu l-adozzjoni tat-tkomplija ta' l-iskema globali ta' taxxa kkonċernata, u b'hekk jinċentivaw l-impriżi li huma suġġetti għat-taxxa ambjentali biex ibaxxu il-livell tagħhom ta' tniġġis".

81. Minn perspettiva teleoloġika u sistematika, jidher li l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 800/2008, li għandu t-titolu "Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali", isemmi taxxi ambjentali li huma armonizzati bid-Direttiva 2003/96 [22] u li għalhekk huwa differenti mill-artikoli 17 sa 20 ta' dan ir-Regolament, li jistabbilixxu kundizzjonijiet supplimentari marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent.

82. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-motivi tagħha (ara, b'mod partikolari, il-premessi 6, 7 u 12 tagħha), din id-direttiva tieħu inkunsiderazzjoni l-għanijiet ta' protezzjoni tal-ambjent. Peress li l-imsemmija direttiva, li hija stess tieħu inkunsiderazzjoni l-għanijiet ta' protezzjoni tal-ambjent, tikkostitwixxi l-bażi li fuqha huma armonizzati t-taxxi fuq l-enerġija, dawn it-taxxi jaqgħu taħt il-kunċett ta' "taxxi ambjentali".

21 — Ara s-sentenza Adria-Wien Pipeline u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke (C-143/99, EU:C:2001:598), li tiddikjara li kien evidenti li l-għoti ta' kundizzjonijiet vantaġġużi lis-settur ta' impriżi li jimmanifatturaw beni materjali kien iktar maħsub sabiex jissalvagwarda l-kompetittività ta' dan is-settur milli mmotivat minn kunsiderazzjonijiet ekoloġiċi.

22 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza L-Awstrija vs Il-Kummissjoni (T-251/11, EU:T:2014:1060, punt 202).

83. Fi kliem ieħor, l-iskemi ta' għajnuna li jitqiesu konformi mal-Artikolu 25 — jiġifieri li jissodisfaw: 1) ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/96, 2) il-livell minimu ta' taxxa, u 3) il-limitu ta' għaxar snin — indirettament jieħdu inkunsiderazzjoni l-għanijiet ta' protezzjoni tal-ambjent u għandhom jiġu kklassifikati bħala taxxi ambjentali.

84. B'mod iktar preċiż, fir-rigward tat-tnaqqis fit-taxxi ambjentali, bħal f'dan il-każ, il-premessa 31 tar-Regolament Nru 800/2008 tindika li dan għandu "effett ta' inċentiv minħabba l-fatt li r-rati mnaqqsa jikkontribwixxu għall-inqas b'mod indirett għal titjib fil-protezzjoni ambjentali billi jippermettu l-adozzjoni tat-tkomplija ta' l-iskema globali ta' taxxa kkonċernata, u b'hekk jinċentivaw l-impriżi li huma suġġetti għat-taxxa ambjentali biex ibaxxu il-livell tagħhom ta' tniġġis".

85. B'hekk dan jiġġustifika wkoll ir-referenza li ssir għall-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 800/2008 għall-osservanza tal-livelli minimi komunitarji previsti mid-Direttiva 2003/96.

86. Huwa għalhekk ċar mill-ekonomija tar-Regolament Nru 800/2008 li tnaqqis fit-taxxa fuq l-enerġija li tosserva l-livelli minimi ta' taxxa ffissati mid-Direttiva 2003/96 probabbilment jaqa' fil-kamp tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 800/2008.

D – *Fuq it-tielet domanda: rekwiżit li l-miżura inkwistjoni ma tistax tingħata għal terminu ta' iktar minn għaxar snin [Artikolu 25(3) tar-Regolament Nru 800/2008] u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' referenza għal dan it-terminu fl-imsemmija miżura*

87. Fil-kuntest ta' eventwali risposta għat-tielet domanda, għandu jiġi eżaminat jekk l-Artikolu 25(3) tar-Regolament Nru 800/2008 jirrikjedix li l-miżura ta' għajnuna nnifisha tinkludi referenza espressa għat-tul tagħha.

88. Jiena jidhirli li għandha tingħata risposta negattiva għal din id-domanda.

89. Skont din id-dispożizzjoni, it-tnaqqis fit-taxxa "għandu jingħata għal perjodi massimi ta' għaxar snin". Il-premessa 47 ta' dan ir-Regolament tindika li, wara dan il-perijodu, l-Istati Membri għandhom jerġgħu jivvalutaw jekk it-tnaqqis tat-taxxa kkonċernat ikunx opportun, bla ħsara għall-possibbiltà għall-Istati membri li jerġgħu jadottaw dawn il-miżuri jew miżuri simili skont dan ir-Regolament wara li jkunu wettqu din ir-rivalutazzjoni.

90. F'dan il-każ, il-Qorti tar-rinviju nnotat li l-emenda inkwistjoni, jiġifieri l-Artikolu 4(7) tal-EAVG, ma tillimitax *ratione temporis* id-dritt għar-rimbors tat-taxxi ambjentali u lanqas ma tinkludi referenza għall-perijodu msemmi fid-dikjarazzjoni ta' eżenzjoni.

91. Ċertament, il-limitazzjoni *ratione temporis* tal-għoti tal-miżuri espressament previsti mir-Regolament Nru 800/2008, moqrija fid-dawl tal-premessa 47 tiegħu u tal-linji gwidi li jikkonċernaw l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni tal-ambjent [23], għall-perijodu 2008-2014 għandha importanza kbira u natura vinkolanti.

92. Fil-fatt, huwa stabbilit sewwa li, bħala deroga għall-prinċipju ta' projbizzjoni tal-għajnuna mill-Istat, dikjarazzjoni ta' kompatibbiltà, bħal dik li tirriżulta impliċitament minn eżenzjoni skont il-kategorija, għandha neċessarjament tkun limitata *ratione temporis* [24]. Dan ir-rekwiżit jippermetti, barra minn hekk, li l-applikazzjoni *ratione temporis* tal-miżuri ta' għajnuna tkun trasparenti, kemm għall-benefiċjarji potenzjali tal-iskema ta' għajnuna kif ukoll għall-kompetituri tagħhom, u dan skont wieħed mill-għanijiet imsemmija mill-Kummissjoni fit-tfassil tar-regoli speċifiċi imposti fuq l-Istati Membri bis-saħħa ta' regolamenti ta' eżenzjoni skont il-kategorija.

23 — ĠU 2008, C 82, p. 1.

24 — Ara, b'analoġija, is-sentenza Nuova Agricast u Cofra vs Il-Kummissjoni (C-67/09 P, EU:C:2010:607, punt 80).

93. Madankollu, tali rekwiżit ma jobbligax lill-Istat Membru kkonċernat li jsemmi tali limitazzjoni *ratione temporis* fit-test stess tal-iskema nazzjonali ta' tnaqqis jew ħelsien mit-taxxi ambjentali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, peress li sempliċi referenza għar-Regolament Nru 800/2008 — li, kif indikajt preċedentement, hija vinkolanti — tillimita *ratione temporis* l-għoti tal-għajnuna inkwistjoni. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 994/1998 jipprovdi li l-għajnuna eżentata mill-obbligu ta' notifika bis-saħħa ta' regolament ta' eżenzjoni skont il-kategorija, bħalma huwa r-Regolament Nru 800/2008, għandha tkun eżentata "għall-perjodu ta' validità ta' dak ir-regolament u għall-perjodu ta' aġġustament li hemm provdut għalih fil-paragrafi 2 u 3".

94. Barra minn hekk, jidhirli li din il-konklużjoni hija kompletament konformi mal-approċċ adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Nuova Agricast u Cofra vs Il-Kummissjoni [25]. Mitluba tippronunzja ruħha dwar l-osservanza tal-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi u ċertezza legali fir-rigward ta' skema ta' għajnuna awtorizzata preċedentement b'deċiżjoni tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, minħabba l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li kienet tindika d-data tat-tmiem ta' applikazzjoni tal-iskema ta' għajnuna inkwistjoni, "operatur ekonomiku prudenti u informat" seta' jsib id-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni tal-iskema ta' għajnuna "anki jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw il-modalitajiet tal-imsemmija skema u [ċerti] atti [rilevanti għaliha] ma kinux jindikaw espressament data ta' skadenza [tagħha]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

95. Għalhekk jiena tal-opinjoni li n-nuqqas ta' indikazzjoni tal-perijodu massimu ta' għaxar snin imsemmi fl-Artikolu 25(3) tar-Regolament Nru 800/2008 fit-test innifsu tal-iskema nazzjonali inkwistjoni ma għandux minnu nnifsu jeskludi dik l-iskema mill-benefiċċju tal-eżenzjoni skont il-kategorija previst mill-imsemmi regolament.

96. Minbarra l-fatt li tali rekwiżit ma jirriżultax mill-kliem tal-Artikolu 25(3) tar-Regolament Nru 800/2008, jidhirli li dan ma jkunx prammatiku fir-rigward ta' miżuri ta' natura fiskali li jkunu emendati perjodikament u li, sa fejn naf jien, ma jkunux implementati għal perijodu daqstant twil. Xhieda ta' din l-iskema msemmija fil-kawża prinċipali, li kienet emendata diversi drabi u li, skont l-informazzjoni li tinsab fis-sommarju mibgħut lill-Kummissjoni fis-7 ta' Frar 2011, kienet maħsuba għal perijodu mill-1 ta' Frar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011.

IV – **Konklużjoni**

97. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari mressqa mill-Bundesfinanzgericht (tribunal federali tal-finanzi) bil-mod li ġej:

Skema ta' għajnuna li, bi ksur tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa), ma tinkludix riferiment għal dan ir-Regolament billi tikkwota t-titolu tiegħu u indikazzjoni għar-referenza tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ma tissodisfax il-kundizzjonijiet sabiex tkun tista' tibbenefika minn eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika previst fl-Artikolu 108(3) TFUE [li kien Artikolu 88(3) tat-Trattat KE].

25 — C-67/09 P, EU:C:2010:607, punti 71 sa 77 u l-ġurisprudenza ċċitata.

Skema ta' għajnuna li tieħu l-forma ta' tnaqqis fit-taxxa fuq l-enerġija fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, li fil-kuntest tagħha l-benefiċjarju jħallas tal-inqas il-livell minimu komunitarju ta' taxxa ffissat fl-imsemmija direttiva u li għandha l-perijodu ta' validità tagħha limitat għal għaxar snin, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 800/2008.

Skema ta' għajnuna li ma tosservax it-tul massimu ta' għaxar snin ta' għoti rikjest mill-Artikolu 25(3) tar-Regolament Nru 800/2008 ma tissodisfax il-kundizzjonijiet sabiex tibbenefika mill-eżenzjoni prevista minn dak ir-regolament. Tali rekwiżit ma jimplikax neċessarjament li dan it-tul massimu jissemma fit-test innifsu tal-iskema inkwistjoni.